# Apprezzament
# Mons. Ġużepp M. Pace
## Kappillan ta' Ħad-Dingli (1978 - 1981)

**Nhar id-29 ta' Diċembru, 2013, mar jiltaqa' mal-Mulej fl-età ta' 73 sena Mons. Ġużepp M. Pace li kien kappillan ta' Ħad-Dingli bejn l-1978 u l-1981. F'dan l-artiklu, SAVIO D. BORG isellem il-memorja tal-eks Kappillan Ġużepp Pace.**



Dun Ġużepp Pace twieled il-Belt Valletta nhar l-20 ta' April, 1940. Iben Ġwanni u Marija Assunta Spiteri, hu kien il-kbir fost erbat aħwa. Ġie mgħammed l-għada fil-Parroċċa ta' Sidtna Marija ta' Porto Salvo u San Duminku, il-Belt Valletta. Attenda l-iskola tas-Sorijiet Franġiskani u l-wara l-iskola tal-Montessori f'Tas-Sliema. Wara, attenda l-Liċew, il-Ħamrun. Minn ċkunitu trabba Tas-Sliema, fil-Parroċċa ta' San Girgor il-Kbir u kien membru attiv fl-Azzjoni Kattolika.

Ħadem għal xi żmien bħala għalliem fi skola primarja tal-gvern. Fl-1961 hu daħal is-Seminarju Maġġuri. Il-jum mixtieq għal kull seminarista wasal nhar it-22 ta' Marzu, 1969. Dakinhar, Ġużeppi kkonsagra ħajtu lil Alla. F'ċerimonja solenni fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt, immexxija mill-Arċisqof Mons. Michele Gonzi, 8 seminaristi u 16-il reliġjuż ġew ordnati saċerdoti għal dejjem. Fatt interessanti kien li seminarista li ġie ordnat saċerdot flimkien ma' Dun Ġużepp kien Dun Karm Frendo li serva bħala kappillan tal-parroċċa tagħna qabel Dun Ġużepp.

L-ewwel għaxar snin tas-saċerdozju qdiehom bħala viċi-parroku fil-Parroċċa ta' San Girgor, Tas-Sliema. F'dan iż-żmien hu attenda l-i*Scuola Sacerdotale* fi *Frascati*, Ruma.

Għalkemm id-digriet tan-nomina ta' Dun Ġużepp bħala kappillan ta' Ħad-Dingli ħareġ f'Novembru 1978, hu amministra għall-ewwel darba s-sagrament tal-Magħmudija fil-parroċċa tagħna fit-23 ta' Lulju, 1978. Huwa ħa l-pussess bħala Kappillan ta' Ħad-Dingli nhar it-12 ta' Novembru, 1978. Dakinhar id-delegat tal-Arċisqof kien il-Vigarju Ġenerali Mons. Carmelo Xuereb u bħala parrini kellu lil Dun Ġwann B. Abela u lil Dun Louis Camilleri.



Fil-bidu tal-parrokkat tiegħu, il-parroċċa ta' Ħad-Dingli kienet fis-sena li qed tfakkar it-300 anniversarju mit-twaqqif mill-ġdid tal-parroċċa. Fost it-tifkiriet sbieħ ta' dan iċ-ċentinarju, ġie ppubblikat il-ktieb 'Ħad-Dingli: 300 sena Parroċċa (1678 – 1978)', l-ewwel pubblikazzjoni li tagħti ħarsa lejn diversi aspetti tal-ħajja tal-parroċċa. Fl-għeluq ta' dawn il-festi, twaħħlet irħama ħdejn il-bieb prinċipali tal-knisja parrokkjali biex tibqa' tifkira ta' dawn il-festi. Il-ħidma ewlenija ta' Dun Ġużepp Pace f'Ħad-Dingli kienet it-tisħiħ tal-għaqdiet li ħafna minnhom kienu għadhom kif twaqqfu. Matul it-tliet snin li dam fostna, hu saħħaħ dawn l-għaqdiet u għen biex

dawn jikbru. F'dan iż-żmien ġiet invjata l-knisja u bil-ġenerożità tal-poplu inxtraw seba' linef għall-korsija.

Wara l-festa titulari tal-1981, hu ġie mitlub mill-Arċisqof Mons. Ġużeppi Mercieca biex imexxi l-parroċċa tal-Imsida fejn dam 12-il sena. Fis-sena 1993 hu laħaq kappillan tal-Parroċċa ta' San Girgor il-Kbir, Tas-Sliema u mill-1996 hu beda jaħdem il-Kurja, fl-uffiċċju taż-żwiġijiet. Fl-2007, il-Q.T. l-Papa Benedittu XVI, fuq rakkomandazzjoni tal-Arċisqof ta' Malta, għoġbu jaħtru, għal ħidma tiegħu fil-Knisja ta' Malta, bħala *Cappellano di Sua Santità* bit-titlu ta' Monsinjur.

Nagħlaq dan l-apprezzament bit-tislima tal-Bord Editorjali ta' 'Leħen il-Parroċċa ta' Ħad-Dingli' li fl-1981 kien sellem lill-kappillan Pace b'din ir-riflessjoni: "Sirna nafu li l-kappillan Dun Ġużepp Pace se jħalli l-parroċċa tal-Assunzjoni ta' dan ir-raħal u se jmur fil-parroċċa tal-Imsida. Aħna nħossu sogħba kbira għaliex konna drajnieh. Hu b'manjieri ta' saċerdot żelanti, puntwali fil-funzjonijiet kollha, u ħabib ma' kulħadd. Qatt ma nesa 'l morda, dejjem attent mat-tfal tad-duttrina, u skrupluż fid-doveri tiegħu. Bħala kap spiritwali, hu dejjem ħadem għall-ġid ta' kulħadd.'



# Fl-Okkażjoni tal-Festa...

- Il-Kappillan flimkien mal-Kleru, il-membri tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali u l-Kumitat Festa Esterna jawguraw lil kulħadd IL-FESTA T-TAJBA.
- Inżommu f'moħħna l-iskop ewlieni tal-festa; jiġifieri li nagħtu qima lill-Madonna, nersqu aktar qrib lejn binha Ġesù u fuq kollox inġeddu r-rieda tagħna li nkunu nsara aħjar. Il-festa tkun suċċess jekk tgħinna nagħmlu dan.
- Inkunu veru għaqlin jekk nersqu spiss lejn il-knisja, nieħdu sehem fit-tifħir lil Alla u lill-Madonna, inqerru u nitqarbnu. Fl-aħħar ġimgħa tal-festa jkollna konfessuri barranin għall-qrar f'diversi ħinijiet, skont kif indikat f'dan il-programm.
- Huma ħafna dawk involuti b'mod volontarju fl-organizazzjoni tal-festa minn aspetti differenti bħall-ġbir ta' fondi, l-organizzazzjoni ta' attivitajiet, loġistika, ħjata, armar u xogħol tal-uffiċċju. Il-Parroċċa u l-Kumitat Festa Esterna jroddulhom ħajr u jilqgħu kull għajnuna volontarja li tista' tingħata.
- Il-kant, l-orkestra u l-mużika fit-tridu, lejljet u nhar il-festa jkunu taħt id-direzzjoni ta' Mro James Chappell bis-sehem tal-Kor Parrokkjali *Regina Coeli*.
- Minflok bukketti ta' fjuri lesti, il-Kappillan ser jilqa' offerti għal arranġamenti ta' fjuri li ser tagħmel il-parroċċa u li jitpoġġew quddiem l-istatwa titulari u mal-knisja. Min jagħti d-donazzjoni, jista' jagħżel li ismu jidher fuq *board* li jkun hemm ħdejn l-istatwa titulari bil-lista tal-kontributuri.
- Filwaqt li nirringrazzjaw lill-membri tal-Korp tal-Pulizija għall-ħidma tagħhom, nappellaw għall-koperazzjoni ta' kulħadd biex ma jkunux ipparkjati vetturi fit-toroq li minnhom tgħaddi l-purċissjoni bl-istatwa titulari, nhar il-festa filgħaxija.